MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 386/2014

**Office Essentials Limited [C-27900]**

**Vs**

**Kunsill Malti ghall-Isport**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-13 ta' Gunju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-Kunsill intimat jhallasha s-somma ta' tmien mija tmienja u disghin euro u sebgha u tmenin ċenteżmi ta' euro [€898.87c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Tikkundanna lill-intimata thallas is-somma ta' €898.87 rapprezentanti bilanċ ta' xoghol mibjugh, fornut u ddepozitat ghand l-intimata kif jirrizulta wkoll mill-invoice u delivery note debitament

iffirmata minn uffiċjal/rappreżentant tal-intimata (Dok. 1), bl-imghax sal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

Dan il-bejgh sar wara ordni espressa mill-intimata permezz ta' email datata 17/7/13 (Dok. 2)".

Ra li l-Kunsill intimat gie debitament notifikat fis-26 ta' Gunju, 2014 u li baqa ma ppreżenta l-ebda risposta fit-terminu li trid u timponi l-ligi u lanqas ma deher xi rappreżentant tieghu ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fis-17 ta' Settembru, 2014 u llum.

Ra n-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti mressqa fit-18 ta' Settembru, 2014 u li permezz taghha rriduciet l-ammont minnha pretiz f'dawn il-proceduri ghas-somma ta' mitejn tnejn u sebghin euro u tmienja u hamsin ċenteżmi ta' euro [€272.58c].

Semgha x-xhieda tal-Albert Micallef, direttur tas-socjeta rikorrenti li kkonferma li l-Kunsill intimat ghad fadallhu jhallas lill-istess soċjetà rikorrenti s-somma ta' €272.58c.

Ra li l-Avukat Dottor Jasmine Abela ddikjarat fis-seduta tal-lum li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex aktar provi x'tipproduci u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand il-Kunsill intimat is-somma ta' €272.58c rapprezentanti din is-somma bilanċ ta' xoghol mibjugh, fornut u ddepozitat ghand l-intimata kif jirrizulta mill-fattura u delivery note debitament iffirmata minn uffiċjal/ rappreżentant tal-Kunsill intimat.

Ikkunsidra;

2. Albert Micallef, direttur tas-socjeta rikorrenti xehed illum stess li l-ammont, kif ridott permezz tan-nota tat-18 ta' Settembru, 2014, u cioe l-ammont ta' €272.58c ghadu dovut fl-intier tieghu mill-Kunsill intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, il-Kunsill intimat gie notifikat fis-26 ta' Gunju, 2014 u baqa ma deherx ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal nhar is-17 ta' Settembru, 2014 u tal-lum. Lanqas ma ppreżenta xi risposta fit-terminu li tistabbilixxi l-ligi ghat-talba tas-socjeta rikorrenti.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mir-rapprezentant taghha waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru, 2014 ma ghandhiex mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont ta' €272.58c mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-Kunsill intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti, kif ridotta permezz tan-nota taghha tat-18 ta' Settembru, 2014, u konsegwentement jikkundanna lill-Kunsill intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' mitejn tnejn u sebghin euro u tmienja u hamsin ċenteżmi ta' euro [€272.58c] bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont, li ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-Kunsill intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------